MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2004

Numru 13/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Dominic Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 13 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Dominic Bonnici, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) f'xi hin filghaxija il-koppja anzjana Gerald u Josephine Grima kienu qed jiritornaw d-dar taghhom f'Santa Lucija. Fil-waqt li Gerald mar jipparkja l-karozza tieghu, Josephine dahlet normalment d-dar. Izda, hekk kif Gerald kien diehel d-dar, Dominic Bonnici flimkien ma persuna ohra, imbuttawh 'il gewwa w dahlu fid-dar. Illi immedjatament, minkejja r-resistenza tal-istess konjugi Grima, huma immobilizzawhom, u t-tnejn li huma bdew idawwru tape ma halq il-konjugi Grima. Illi Dominic Bonnici w l-persuna

l-ohra kienu gabu dan it-tape minn qabel bi ftehim bejniethom. Illi dan it-tape ghamluh ma halq il-konjugi Grima biex jifgawhom bil-hsieb li joqtlu lill-Gerald u Josephine Grima, u fil-fatt qatluhom. Illi b'eghmilu l-imsemmi Dominic Bonnici sar hati ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Dominic Bonnici hati ta' omicidju volontarju cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car ikkagunalha il-mewt; talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal-att ta' l-akkuza u cioe' fIl-ghaxra (10) ta Frar, tas-sena elfejn (2000) u f'xi hin filghaxija wara it-tmienja (8.00 pm), fil-fond Flat 3, Block A, Apartments, 21st September 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucija fejn kienu joqghodu il-koppja anzjana Gerald u Josephine Grima li kellhom aktar minn hamsa w sittin sena, Dominic Bonnici flimkien ma persuna ohra, wara li qatlu l-istess konjugi Grima, serqu madwar mitejn lira (LM 200) f'oggetti bi hsara w kontra l-volonta' tal-istess konjugi Grima u tal-eventwali eredi taghhom. Illi hekk kif dahlu fl-istess fond Dominic Bonnici u siehbu kellhom wicchom mghotti, w wara li b'tape rabtu l-istess konjugi Grima, immobilizzawhom u fgawhom bl-intenzjoni li joqtluhom u b'hekk ikunu fil-kumdita li jwettqu l-hsieb taghhom li jisirqu dak li jsibu fl-istess dar ta' abitazzjoni, u fil-fatt serquhom. Illi wara li ghamlu dan Dominic Bonnici u l-persuna l-ohra harbu minn fuq il-post.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Dominic Bonnici sar hati ta' serq ta' oggetti li jiswew aktar minn mitt lira (Lml00) izda anqas minn elf lira (Lml000) liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza

(omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna) mezz (ghata tal-wicc) valur, hin, u lok (dar ta' abbitazjoni).
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Dominic Bonnici hati ta serq ta' oggetti li jiswew aktar minn mitt lira (LM100) izda anqas minn elf Lira (LM 1000) liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, sekwestru tal-persuna) mezz (ghata tal-wicc), valur, hin u lok (dar ta' abitazzjoni) talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263(b), 267, 269(g), 270, 272, 275, 276A, 277(b), 279(a), 280(1)(2), 281(b) u 533 tal-kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemrni akkuzat;

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-ewwel u t-tieni Kap tal-att ta' l-akkuza w cioe' fl-ghaxra (10) ta' Frar, tas-sena elfejn (2000) f'Santa Lucija f'xi hin filghaxija l-konjugi Grima kienu qed jiritornaw id-dar meta waqt li Josephine Grima kienet diga dahlet id-dar, meta kien diehel Gerald Grima dan gie imbuttat il-gewwa u Dominic Bonnici flimkien ma' persuna ohra illegalment kontra l-volonta' tal-konjugi Grima immobilizzawhom billi rabtuhom b'tape b'mod li dawn ma setghux jiccaqilqu jew iqajmu l-alarm u b'dan il-mod jisirqulhom hwejjighom u joqtluhom.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Dominic Bonnici sar hati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti w barra l-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill--hati, arresta, zamm jew is-sekwestra persuna kontra il-volonta' taghha jew ta' l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew is-sekwestrata b'dan illi l-persuna hekk arrestata mizmuma jew is-sekwestrata giet offiza fuq il-persuna, u b'dan ukoll li d-delitt sar biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Dominic Bonnici hati ta' arrest,

detenzjoni jew sekwestru kontra il-ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti w barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna kontra l-volonta' taghha, jew ta' post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata b'dan illi l-persuna hekk arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna, u b'dan ukoll li d-delitt sar biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha, talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn erba' snin sa sitt snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(c)(e), 88 u 533 tal-kodici kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-Akkuzat li biha eccepixxa :-

Illi fl-ewwel lok in-nullita' tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza limitatament in kwantu jikkwalifika s-serq bhala aggravat bil-vjolenza (sekwestru ta' persuna) stante li ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 589( c ) tal-Kap.9 in kwantu mkien ma jfisser il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza meta tali vjolenza tkun fil-forma ta'sekwestru ta' persuna .

Inghataw ukoll erba eccezzjonijiet ohra li kollha gew irtirati fil-kors tat-trattazzjoni waqt l-udjenza tad-9 t' Ottubru , 2003, l-ahhar tnejn wara li l-Qorti laqghet talba tal-Prosekuzzjoni – mhux opposta mid-difiza - biex isir korrezzjoni fit-tielet kap tal-Att tal-Akkuza fis-sens li fil-linja penultima tieghu bejn in-numru 87 u l-ittra ( c ) jidhol in-numri (1) u ghalhekk mhux il-kaz li dawn l-eccezzjonijiet jigu riprodotti f' dis-sentenza.

Rat il-verbal tal-Prosekutur Dr. Anthony Barbara li bih, b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, iddikjara li bil-kema "immobilizzawhom" ried ifisser li rabtuhom minn idejhom u

l-mara minn saqajha wkoll u b'hekk ma hallewhomx jiccaqilqu.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tal-istess udjenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli prosekutur issottometta li l-att tal-akkuza kien fih ir-rekwiziti mehtiega ghaliex bil-kelma "immobilizzawhom" hu ried ifisser li rabtuhom b'mod li ma hallewhomx jiccaqilqu u li dan kien jammonta ghal sekwestru ghaliex b'hekk il-hatja hadu pussess mill-liberta' tal-vittmi tar-reat.

Id-difiza rribattiet li din mhux kwistjoni ta' xi tfisser il-kelma "immobilizzawhom", ghax il-prosekuzzjoni fil-parti espozittiva tal-kap tal-att tal-akkuza trid tispjega il-fatti tar-reat .

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 589 ( c) tal-Kap.9 jiddisponi li l-Att tal-Akkuza ghandu "inter alia" *"ifisser il-fatti li jikkostitwixxu r-reat , bil-partikolaritajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar , flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali , jistghu ikabbru jew inaqqsu il-piena"*

Illi t-tieni kap tal-att tal-akkuza jittratta l-akkuza ta' serq aggravat "inter alia" bis-sekwestru tal-persuna w l-Prosekuzzjoni ssostni li ghall-iskop ta' din il-kwalifika kien bizzejjed ghaliha li fil-parti ezpozittiva tuza il-kelma "immobilizzawhom" u li b' hekk tkun issodisfat il-vot tal-ligi li tfisser il-fatti li jikkostitwixxu din il-kwalifika tar-reat ta' serq.

Ili l-artikolu 262 (1) (a) tal-Kap. 9 li jiddefinixxi r-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza jiddisponi biss li jkun hemm tali kwalifika meta s-serq isir flimkien ma omicidju , ma offiza

fuq il-persuna jew **ma sekwestru tal-persuna** , ecc. bla ma jghid x'inhu is-sekwestru tal-persuna.

L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali umbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati , jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"

Illi l**-Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ;* ***or may be detained in his own house without having been previously arrested."***

Illi ma hemmx dubju li l-kelma "immobilizzawhom" , kelma mehuda mill-lingwi romanzi "romance languages" bhat-Taljan u l-Franciz ghandha il-konnotazzjoni , fost ohrajn , li ixxekkel persuni b'mod li ma thallihomx jiccaqilqu liberament . Hekk fil-lingwa Franciza il-verb "immobiliser" hu defenit bhala *"render immobile . Priver de moyens d' agir*" (**Petit Larousse Illustre' – Nouveau Dictionnaire Encyclopedique** , p. 490) u bl-Ingliz il-verb "to immobilize" gie defenit bhala verb transittiv : *"fix immovably" u "make incapable of being shifted"* **("The Oxford English Dictionary**" . p.567). L-istess sinifikat jinghata fil-lingwa Taljana w dan it-terminu jintuza ta' spiss fir-rapportagg tal-"cronaca nera" fil-mezzi tax-xandir u fl-istampa Taljana .

Illi hu minnu li l-Prosekuzzjoni forsi setghet kienet inqas telegrafika meta giet biex tiddeskrivi l-atti li skondha wasslu biex sehhet il-kwalifika tas-serq bis-sekwestru tal-persuni vittmi tar-reat , pero' din il-Qorti thoss li ghalkemm b'mod mill-aktar xott , il-vot tal-ligi gie sodisfatt u zgur li ma jistax jinghid li dan iwassal ghan-nullita' tal-att tal-akkuza.

Di fatti fil-parti espozittiva tat-tieni Kap hemm id-dettalji kollha ta' lok , data u hin meta sar is-serq , l-isem tal-vittmi tal-istess kif ukoll cirkostanzi ohra li jistghu ikabbru il-piena. Di fatt l-istess paragrafu isemmi li "wara li b' tape rabtu l-istess konjugi Grima, immobilizzawhom u fgawhom bl-intenzjoni li joqtluhom u b'hekk ikunu fil-kumdita' li jwettqu il-hsieb taghhom li jisirqu dak li jsibu fl-istess dar t' abitazzjoni " Dawn il-fatti kif esposti , fil-fehma tal-Avukat Generali, kienu bizzejjed biex ifissru ix-xorta tar-reat ta' serq , kif kwalifikat "inter alia" bis-sekwestru tal-persuna.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li – ghalkemm b'mod ekonomiku w parsimonjuz – il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ta'serq kwalifikat bil-vjolenza – sekwestru tal-persuna - kontemplat fit-tieni kap tal-att tal-akkuza gew imfissra fil-parti espozittiva tal-istess kap.

Konsegwentement u ghall-motivi fuq imsemmija il-Qorti qed tichad l-ewwel u l-unika eccezzjoni rimanenti tal-akkuzat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra stante li dawn gew irtirati w tordna l-prosegwiment tal-kawza , b'dana li qed tiddifferixxi l-istess sine die" sabiex tigi appuntata biex tinstema' bil-gurija meta jmissha t-turn skond il-ligi.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa' fl-istess pozizzjoni li jinsab fiha llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------